# LURA

*Ta'* Ġużi Abela

Ħabbat għal tliet darbiet. Ħadd ma fetaħlu.
U dar biex jerġa' lura lejn id-dar.
U xħin għalaq il-grada tifla ċkejkna,
Ħaddejha qronfla, għajnejha jtajru x-xrar,
Ħafja kif kienet, resqet fuqu u qaltlu:
"Sinjur, hemmhekk ma jkun hemm ħadd bin-nhar".
Mar l-għada fil-għaxija. Id-dar mudlama.
Ħabbat. Ma wieġeb ħadd. Tgħid ġà reqdin?
Mel' x'qaltlu l-bieraħ dik it-tifla ċkejkna?
U stenna għal ftit minuti twal is-snin.
U mbagħ'd xħin dar biex jaqbad triqtu lura,
Kemm xtaqha tiġi t-tifla dak il-ħin!
Iskot. Hemm fl-art, hemm taħt it-tieqa, stenbħet,
It-tifla ċkejkna, għajnejha kbar għajjiena.
"Ommok fejn hi?" staqsieha. "Ommi qed tishar.
Għaliex missieri miet, sinjur, u jiena,
Jien ma nafux, sinjur, kont għadni ċkejkna.
Ommi u jien, sinjur, ngħixu bil-ħniena".
U beka dak il-ħin missier b'qalb niedma,
U għannaq dawk l-għajnejn itajru x-xrar.
"Jiena missierek, binti. Jiena ser naħdem.
U inti hawn tkun, m'ommok, tul in-nhar".
Ħabbat did-darba l-qalb ta' bintu ċkejkna,
U lura ma raġax did-darba lejn id-dar......